**17 ta' Ġunju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Anthony Curmi et.

**Provi — Eżenzjoni ta' Xhud milli jagħti d-Depożizzjoni Tiegħu — Adulterju — Maħfra tal-Konjuġi Offiż — Art. 209, 639 u 640 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fejn tgħid illi ebda xhud ma jista' jiġi mġiegħel iwieġeb għall-mistoqsijiet, meta t-tweġiba tista' ġġib taħt proċess kriminali, il-liġi hija mperattiva, u mhux diskrezzjonali; imma, s'intendi, jeħtieġ li verament ir-risposti tax-xhud jistgħu jesponuh għall-proċedura kriminali.*

*Hekk f'każ ta' mara li kkommettiet atti li jammontaw għal adulterju ma' rġiel oħra, hija ma għandhiex tiġi eżentata li tixhed fuq dan il-motiv fil-kawża kontra dawk l-irġiel, jekk, għal dak li hu persegwibbli "ex officio" hemm dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li tissalvagwardaha, u, għal dak li hu persegwibbli fuq kwerela tar-raġel, ikun hemm ir-remissjoni tiegħu.*

*Il-maħfra tar-raġel tista' tkun tant espressa kemm taċita. U hija taċita meta jew huwa jkompli jikkoabita mal-mara fedifraga, jew meta ma jisporġix kwerela fi żmien sitt ġimgħat minn mindu sar jaf bit-treska ta' martu ma' rġiel oħra.*

*Kwantu għall-eżenzjoni meta x-xhud titlob li tiġi eżentata milli tixhed għax ir-risposta tagħha tkun tali li ttellifha ġieħha, din mhix imperattiva, imma permissiva, ossija diskrezzjonali; u jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk fil-każ partikulari jkunx hemm raġuni biex persuna tiġi eżentata milli tixhed fuq dan il-motiv.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha f'sens tal-eżenzjoni, u ordnat lix-xhud li tixhed.*

Il-Qorti:— Rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttriċi, talli f'Raħal il-Ġdid u f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, bejn l-ewwel u s-sitta ta' Diċembru 1960, (1) b'għemil żieni kkorrompew lil Lucy Brincat ta' 16 il-sena u 4 xhur; (2) biex jissodisfaw iż-żina ta' ħadd ieħor ħajru lil'-imsemmija Lucy Brincat, persuna ta' taħt l-età, għall-prostituzzjoni, u għenu u ffaċilitaw il-prostituzzjoni u l-korruzzjoni tagħha; (3) Anthony Curmi, Joseph McKay u Salvatore Mifsud, xjentement għexu, għal kollox jew f'parti, mill-qligħ tal-prostituzzjoni tal-imsemmija Lucy Brincat; (4) u Victor Zampa, fiż-żmien fuq imsemmi jew f'okkażjonijiet oħra, f'dawn l-aħħar sitt xhur ippermetta l-użu ta' postijiet amministrati minnu għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali;

Rat l-attijiet kollha tal-kumpilazzjoni;

Rat il-kommunikazzjoni tal-Attorney General tal-10 ta' Frar 1961 li biha nforma lill-Qorti li ddeċieda li ma jqiegħedx lill-imputati taħt att ta' akkuża, u, billi deherlu madankollu li mill-kumpilazzjoni tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) ta' kompetenza ta' dik il-Qorti, iżda bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, taħt dak li hemm maħsub......; bagħat lura lil din il-Qorti l-attijiet tal-kumpilazzjoni, biex hija tiddeċidi fuq l-akkuża ta' dawn il-ħtijiet, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' April 1961 li biha ma sabetx lill-imputati ħatjin, u lliberathom;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li l-imputati jiġu misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kundannati skond il-liġi;

Trattat l-appell, limitatament għall-preġudizzjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, għandu jiġi riżolut b'din id-deċiżjoni l-punt jekk Lucia sive Lucy Brincat għandiex tiġi eżentata milli tagħti x-xhieda tagħha. Il-Prosekuzzjoni ssostni li ma għandiex tiġi eżentata. L-Ewwel Qorti kienet eżentat lix-xhud mill-tixhed in bażi għall-art. 639 Kod. Krim., u anki in bażi għall-art. 640 idem, fol. 21;

L-art. 639 jgħid li ebda xhud ma jista' jiġi mġiegħel iwieġeb għall-mistoqsijiet, meta t-tweġiba tista' ġġibu taħt proċess kriminali. Il-liġi, f'dan ir-rigward, hija mperattiva, mhux diskrezzjonali. Imma, s'intendi, jeħtieġ li verament ir-risposti tax-xhud jistgħu jesponuh għall-proċedura kriminali;

Il-provi juru li f'dan il-każ ma jistgħux. Jekk ix-xhud għamlet xi att persegwibbli "ex officio", allura hemm id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni verbalizzata fol. 66, li tissalvagwardaha. Jekk mbgħad ix-xhud għamlet attijiet proċedibbli bħala adulterju ma' wieħed jew ieħor mill-imputati, ossija ma' kollha kemm huma, u anki ma' estranei, allura mill-provi jirriżulta li hemm l-impunità minħabba li żewġha ħafrilha espressament, u taċitament ukoll. Il-liġi, fl-art. 209, tikkontempla mhux biss ir-remissjoni espressa, imma anki dik taċita, li tista' tirrivesti żewġ forom; waħda jekk il-parti offiża tikkontinwa tikkoabita mal-konjuġi fedifragu u l-oħra jekk il-parti offiża ma tisporġix il-kwerela fi żmien sitt ġimgħat minn mindu saret taf bit-treska;

Issa, jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Scicluna u dik tal-Ispettur Claridge (partikolarment dik li dawn taw f'din l-istanza, "quo vide"), li żewġ ix-xhud, Joseph Brincat, kien preżenti l-ħin kollu waqt li hi għamlet lill-Pulizija d-dikjarazzjoni, skritta u ċirkostanzjata, issa eżibita a fol. 29, Mhux biss kien preżenti mill-bidu sat-tarf, imma meta f'ċertu ħin din Brincat bdiet speċi ta' titbissem tidħaq żewġha rrimproveraha u qalilha li dawn kienu affarijiet serji. Dik id-dikjarazzjoni ma setgħetx tħalli ebda dubju f'moħħ Brincat li martu kienet ikkommettiet adulterju ma' diversi. Dan ma kienx sempliċi suspett, imma ċertezza bażata fuq konfessjoni tagħha stess, magħmula formalment. Intant, kif jidher mix-

xhieda ta' dan Brincat, hu in segwitu hadha lura u hafrilha espressament. Infatti, fix-xhieda tieghu f'din is-sede, hu qal, taht l-impressjoni żbaljata li seta' jirreċedi mill-kondonazzjoni ġa minnu maghmula:— "Issa le, ghaliex wara li hfirtilha u ġibtha mill-Istitut, lanqas ma trid toqghod mieghi." U aktar il-quddiem:— "Jiena hfirtilha mill-ewwel ġurnata li ġejt";

Joseph Brincat hafrilha anki taċitament fit-termini tal-liġi (art. 209 Kod. Krim). Infatti, li-"statement" ta' martu, fol. 29, sar fit-8 ta' Diċembru 1960 (jum li fih kien jaf b'ċertezza bil-fatt); u mix-xhieda tieghu stess kombinata ma' dik tal-Ispettur Claridge, moghtija f'din is-sedi, jirriżulta li Joseph Brincat dam jikkoabita ma' martu mill-5 ta' Jannar 1961 (meta hariġha mill-Kunvent tal-Bon Pastur, komunement imsejjah fil-passat "tar-repentiti") sas-16 ta' Frar 1961, meta reġghet harbet minn dar żewġha. Kien hemm, ghalhekk, l-ewwel forma ta' kondonazzjoni taċita. Jinghad "ex abundantia", li kien hemm anki t-tieni forma, ghaliex sal-lum Joseph Brincat ma ghamel ebda kwerela, u kien jaf bil-fatt, u kellu, almenu kontra martu, il-prova tal-konfessjoni fit-8 ta' Diċembru 1960;

Hu anki ta' min jinnota, in konessjoni ma' dan l-aspett tal-kwistjoni, li Brincat fit-8 ta' Diċembru 1960 (jum fih ghamlet id-dikjarazzjoni martu, u kwindi wara li kien sar jaf minn fomm martu stess il-fatti kollha fil-hin li hi ghamlet lill-Pulizija dik id-dikjarazzjoni dettaljata, eżibita in atti), ghamel kwerela kontra l-erbgha mputati; anzi, biex wiehed ighid ahjar u juża kliemu stess, "kontra dawk kollha li jinstabu responsabbli ghal dak li ġralha marti"; u aktar tard qal "dawk kollha li b'ghemil żieni kkorrompewha u kif ukoll lil min wassalha f'dan"; u mbaghad, fil-5 ta' Jannar 1961 (il-ġurnata, ċjoè li fiha, skond ix-xhieda tal-Ispettur Claridge f'din is-sede hu hareġ lill-martu mill-Abatija u marru jikkoabitaw flimkien), hu deher il-Qorti u ddikjara (fol. 19) li jrid jirtira l-kwerela u li ma jridx li jittiehdu passi kontra l-imputati;

Il-konċidenza ta' dawn iż-żewġ dati tillustra lumino-

żament kif Brincat, aktarx infurjat għall-bidu bid-dikjarazzjoni awto-inkolpanti ta' martu, għamel, fl-istess ġurnata li fiha hi għamlet dik id-dikjarazzjoni, il-kwerela eżibita in atti, u mbagħad aktar tard, rappaċifikat probabbilment bid-deġenza ta' martu fl-Istitut tal-Bon Pastur għal xi għoxrin ġurnata, u bit-tama tar-tresipixxenza tagħha, mar magħha, ħafer lilha, kif fuq ingħad, u, biex speċi ta' jeħles mill-inċident kollu spjaċevoli u tinbeda ħajja ġdida, ħafer anki s'intendi, (sa fejn jista' jaħfrilhom) lill-imputati. Hu evidenti li Joseph Brincat ħafer lill-martu espressament u taċitament wara li kien jaf bla dubju ta' xejn bl-adulterju tagħha, għaliex *preżumibbilment hu rritjena illi r-rinkjużjoni tagħha* fl-Istitut tal-Bon Pastur kienet kastig biżżejjed għaliha u soddisfazzjon biżżejjed għalieh, u anki fonti ta' speranza ta' emenda mill-parti tagħha;

U dan ma hu xejn ħaġa li biha wieħed jissorprendi ruħu; għaliex hu sentiment tradizzjonali li ġej minn mindu taħt il-*Kodiċi* De Rohan, *imperanti hawn Malta, kien jingħad*:— "Se però la moglie sara' convinta di adulterio, in tale caso, a petizione del marito, dovrà porsi in conservatorio a scelta dello stesso marito . . . . . " (Libro V, Capo VI, para. XV); u kif ingħad, dak l-Istitut kien anki jissejjaħ lokalment "tar-repentiti", u fih kienu u xi minn daqqiet għadhom jittieħdu, għal skop ta' ravvediment, nisa li jkunu ddevjaw mir-retta vija. Dan l-inċident juri w'koll kemm ma hux kredibbli Brincat meta huwa issa qiegħed jippretendi li hu ma semgħax sewwa d-dikjarazzjoni ta' martu, u ħaseb li martu żbaljat ma' wieħed biss. Infatti, hu ddikjara li jaħfer (fol. 19) lill-imputati "kollha";

Għalhekk, f'dawn il-kontinġenzi, ma hemmx lok għall-possibbilità ta' proċeduri kriminali kontra Brincat; u per konsegwenza ma hemmx lok li l-Qorti tapplika l-eżenzjoni viżwalizzata fl-art. 639 fuq rikordat;

Kwantu għall-eżenzjoni kontemplata fl-art. 640, fissens li *l-Qorti tista' teżenta x-xhud milli tirrispondi meta* r-risposta tkun tali li tista' ttellifha ġieħha, din mhix imperattiva, imma permissiva, ossija diskrezzjonali. Din l-Qort mhijiex ta' fehma li għandha teżerċita d-diskrezzjoni

taghha f'sens ta' eżenzjoni. Ix-xhud diġà għamlet dikjarazzjoni dettaljata lill-Pulizija, u l-konferma, "ex hypothesi" bil-ġurament, ta' dik id-dikjarazzjoni mhix sejra ttellifha ġieħha aktar milli tilfitu meta għamlet l-istess dikjarazzjoni. Lanqas ma jidher li hi kienet renitenti li tagħmel id-dikjarazzjoni, li hi ferm ċirkostanzjata; u mixxhieda taż-żewġ spetturi fuq imsemmija jidher li f'xi ħin, anzi, kienet qegħedha tieħu l-inċident leġġerment, tant li żewġha rrikjamaha għall-ordni;

Ingħad mid-difiża li depożizzjoni formali hi aktar ta' ħsara minn dikjarazzjoni. Iżda jekk, "ex hypothesi", ixxhud tikkonferma d-dikjarazzjoni, it-tnejn huma, l-istess, konfessjoni tal-istess fatti, u ntant id-dikjarazzjoni (li hi għamlet lil-Pulizija) hi l-lum fatt kompjut, u bil-konferma tagħha ma tiġix aggravata l-pożizzjoni. Għall-possibbli nkonvenjenti oħra, jista' jiġi rimedjat billi x-xhieda tagħha tiġi meħuda bil-magħluq għat-termini tal-art. 525 Kod. Krim. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma hux il-każ li tiġi akkordata l-eżenzjoni in bażi għall-art. 640;

In vista' ta' dan li ngħad, ma hemmx lok li jiġi deċiż il-pont subordinat jekk hijiex produċibbli bħala prova l-imsemmija dikjarazzjoni tax-xhud fol. 29, ladarba x-xhud sejra tixhed "viva voce";

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tiddikjara li filfattispeċje ma hemmx lok għall-applikazzjoni la tal-art. 639 u lanqas tal-art. 640 tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk Lucia sive Lucy Brincat ma għandhiex tiġi eżentata milli tixhed; u għalhekk il-Qorti tordna li tiġi prodotta din ixxhud sabiex tagħti x-xhieda tagħha, bla riżerva, fuq ilfatti li hemm fid-dikjarazzjoni li hi ġa għamlet, u oħrajn li għandhom attinenza mal-ġudizzju preżenti.